KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 17.11.2006
KUMM(2006) 698 finali

2006/0230 (ACC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' ftehim bilaterali fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerċ fi prodotti tat-tessuti

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta**

Il-ftehim bilaterali dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus għandu jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2006. Il-proposta tipprevedi estensjoni tal-ftehim attwali tat-tessuti sal-31 ta' Diċembru 2007 u aġġustamenti moderati f'xi limiti kwantitattivi.

- **Il-kuntest ġenerali**

Il-ftehim bilaterali li jirregola l-kummerċ fit-tessuti mar-Repubblika tal-Belarus ilu fis-seħħ mill-1993 u kien emendat f'bosta okkażjonijiet. Il-verżjoni attwali ta' dan il-ftehim tinkludi impenji tariffarji min-naħa tal-Belarus (tariffi simili fil-biċċa l-kbira tagħhom għal-livelli ta' l-UE) u klawżola li tipprevedi ritorn għall-klawżola ta' qabel f'każ li dawn il-livelli tariffarji ma jiġux rispettati. Jeżistu restrizzjonijiet kwantitattivi għal 34 kategorija ta' tessuti u ħwejjeġ.

Fin-nuqqas ta' emenda proposta, ir-Repubblika tal-Belarus għandha tkun ħielsa li żżid id-dazji tagħha ta' importazzjoni u ddaħħal restrizzjonijiet oħra ta' importazzjoni, għad-detriment ta' l-esportazzjonijiet ta' l-UE.

- **Id-dispożizzjonijiet f'dan il-qasam tal-proposta**

ĠU L 123, 17.5.1994, p. 1, ĠU L 94, 26.4.1995, p. 44, ĠU L 81, 30.3.1996, ĠU L 336, 29.12.1999, p. 26, ĠU L 345, 31.12.2003, p. 150, ĠU L 72, 18.3.2005, p. 18.

- **Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

Fid-dawl tal-qagħda politika prevalenti fil-Belarus, l-emenda proposta hija restrittiva. Fl-2007 l-Belarus għandu jkun, flimkien mal-Korea ta' Fuq, Montenegro u l-Kosovo, l-uniku pajjiż soġġett għal kwoti tat-tessuti ma' l-UE. (Livelli miftiehma fuq ċerti kategoriji ta' tessuti u ħwejjeġ jeżistu maċ-Ċina wara l-iffirmar ta' Memorandum ta' Ftehim fl-10 ta' Ġunju 2005).

2) IL-KONSULTAZZJONI MA' PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni ma' partijiet interessati**

Din id-Deċiżjoni tipprevedi l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' ftehim kummerċjali internazzjonali li jemenda ftehim li kien se jiskadi. Mhija meħtieġa l-ebda konsultazzjoni formali.

- **Il-ġbir u l-użu ta' għarfien espert**

Ma kien hemm l-ebda ħtieġa ta' għarfien espert estern.

- **Il-valutazzjoni ta’ l-impatt**

L-impatt ġie vvalutat matul in-negozjati tal-ftehim internazzjonali.

Għalhekk ma kienx meħtieġ li titwettaq valutazzjoni ta' l-impatt ta' din il-miżura.

3) L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **It-taqsira ta’ l-azzjoni proposta**

Il-proposta tipprevedi estensjoni tal-ftehim attwali tat-tessuti sal-31 ta' Diċembru 2007.

Ma għandu jkun hemm l-ebda effett negattiv partikolari għall-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.

- **Il-bażi legali**

L-Artikolu 133 tat-Trattat li jistabbilixxi l-KE.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa’ taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għaldaqstant ma japplikax.

- **L-għażla ta' l-istrumenti**

L-istrument propost: deċizjoni.

Mezzi oħra ma jkunux addattati għar-raġuni(jiet) li ġejja.

Mhemmx mezzi oħra disponibbli għall-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' ftehim internazzjonali.

4) L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta mgħandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Komunità.

2006/0230 (ACC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' ftehim bilaterali fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerċ fi prodotti tat-tessuti

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità ftehim bilaterali sabiex testendi għal sena l-ftehim bilaterali u l-protokolli attwali fuq kummerċ fi prodotti tat-tessuti mar-Repubblika tal-Belarus, b'xi aġġustamenti tal-limiti kwantitattivi.

(2) Soġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-ftehim propost għandu jkun iffirmat f'isem il-Komunità.

(3) Dan il-Ftehim bilaterali għandu jkun applikat fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Jannar 2007 sakemm isiru l-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu, soġġett għall-applikazzjoni reċiproka proviżorja mir-Repubblika tal-Belarus,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Soġġett għal konklużjoni possibbli f'data aktar tard, il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jaħtar il-persuna/persuni mogħtija s-setgħa biex jiffirmaw f'isem il-Komunità Ewropea il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar kummerċ fi prodotti tat-tessuti,inizjalat fi Brussell fl-1 ta' April 1993, kif emendat l-aħħar permezz ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri mogħti bidu fil-11 ta' Novembru 2005.

Artikolu 2

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja, sakemm jilħaq il-konklużjoni formali tiegħu u soġġett għall-applikazzjoni provviżorja reċiproka ta' l-Iskambju ta' Ittri mir-Repubblika tal-Belarus, mill-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu 3

1. Jekk ir-Repubblika tal-Belarus tonqos milli tissodisfa l-obbligi tagħha skond il-paragrafu 2.4 tal-ftehim anness, il-kwota għall-2007 għandha titnaqqas għal-livelli applikabbli fl-2006;

2. Id-deċiżjoni li jiġi implimentat il-paragrafu 1 se tittieħed skond il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 tat-12 ta'Ottubru 1993 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tat-tessuti minn pajjiżi terzi[1].

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmula fi Brussel,

Għall-Kunsill
Il-President

[1] ĠU L 275, 8.11.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 35/2006 tal-11 ta' Jannar 2006 (ĠU L 7, 12.1.2006, p. 8).

ANNESS

FTEHIM fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerċ fi prodotti tat-tessuti

Ittra mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

Sinjur,

1. Għandi l-unur li nirreferi għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti inizjalat fl-1 ta' April 1993, hekk kif emendat u estiz l-aħħar mill-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri inizjalat fil-11 ta' Novembru 2005 (minn issa 'l quddiem il-'Ftehim').

2. Fid-dawl ta' l-iskadenza tal-Ftehim fil-31 ta' Diċembru 2006 u skond l-Artikolu 19 (1) tal-Ftehim, il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus jiftiehmu li jestendu t-tul taż-żmien tal-Ftehim, għal perjodu ulterjuri ta' sena, soġġett għall-emendi u l-kondizzjonijiet li ġejjin:

   2.1. It-test ta' l-Artikolu 19(1) tal-Ftehim għandu jgħid hekk kif ġej:

   'Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara d-data li fiha l-Partijiet jgħarrfu lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dak il-għan. Għandu jkun applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2007.'

   2.2. L-Anness II li jistabbilixxi r-restrizzjonijiet kwantitattivi għall-esportazzjonijiet mir-Repubblika tal-Belarus lill-Komunità Ewropea huwa mibdul bl-Appendiċi 1 għal din l-ittra.

   2.3. L-Anness għall-Protokol C li jistipula r-ristrizzjonijiet kwantitattivi għall-esportazzjonijiet mir-Repubblika tal-Belarus lill-Kommunità Ewropea wara l-operazzjonijiet ta' kummerċ ipproċessat esternament fir-Repubblika tal-Belarus huwa mibdul għall-perjodu ta' l-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007 bl-Appendiċi 2 għal din l-ittra.

   2.4. L-importazzjonijiet fil-Belarus tal-prodotti tat-tessuti u tal-ħwejjeġ ta' oriġini mill-Komunità Ewropea se jkunu soġġetti għat-taxxi doganali fl-2007 li ma jaqbżux dawk previsti għall-2003 fl-Appendiċi 4 tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus inizjalat fil-11 ta' Novembru1999.

   Fil-każ li ma jkunx hemm applikazzjoni ta' dawn ir-rati l-Komunità għandu jkollha d-dritt li tintroduċi mill-ġdid għall-perjodu tal-ftehim li jifdal u li ma jkunx skada fuq bażi *pro rata* l-livelli għar-restrizzjonijiet kwantitattivi applikabbli għall-2006 kif speċifikat fl-Iskambju ta' l-Ittriinizjalat fil-11 ta' Novembru 2005.

3. Jekk ir-Repubblika tal-Belarus issir Membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (id-WTO) qabel id-data ta' meta jiskadi l-Ftehim, il-ftehimiet u r-regoli

tad-WTO se jkunu applikati mid-data ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Belarus fid-WTO.

4. Inkun obbligat jekk ġentilment tikkonferma l-aċċettazzjoni tal-Gvern tiegħek dwar dak li ntqal hawnhekk. Jekk dan ikun il-każ, dan il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri se jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-jum li fih il-Partijiet innotifikaw lil xulxin li l-proċeduri legali interni meħtieġa għal dan il-għan, tlestew. Sa dan il-waqt, se jkun applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2007 bil-kondizzjoni ta' reċiproċità.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

Għall-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

Appendiċi 1

Anness II

Il-Belarus	Il-kategorija	l-unità	Il-kwota mill-1 ta' Jannar 2007
Grupp IA	**1**	tunnellata	1 585
	2	tunnellata	6 600
	3	tunnellata	242
Grupp IB	**4**	E biċċa	1 839
	5	E biċċa	1 105
	6	E biċċa	1 705
	7	E biċċa	1 377
	8	E biċċa	1 160
Grupp IIA	**9**	tunnellata	363
	20	tunnellata	329
	22	tunnellata	524
	23	tunnellata	255
	39	tunnellata	241
Grupp IIB	**12**	Elf par	5 959
	13	E biċċa	2 651
	15	E biċċa	1 726
	16	E biċċa	186
	21	E biċċa	930
	24	E biċċa	844
	26/27	E biċċa	1 117
	29	E biċċa	468
	73	E biċċa	329
	83	tunnellata	184
Grupp IIIA	**33**	tunnellata	387
	36	tunnellata	1 309
	37	tunnellata	463
	50	tunnellata	207
Grupp IIIB	**67**	tunnellata	356
	74	E biċċa	377
	90	tunnellata	208
Grupp IV	**115**	tunnellata	114
	117	tunnellata	2 310
	118	tunnellata	471

E biċċa: Elf biċċa

Appendiċi 2

Anness għall-Protokol C

Il-kategorija	Unità	Sa mill-1 ta' Jannar 2007
4	1.000 biċċa	5 399
5	1.000 biċċa	7 526
6	1.000 biċċa	10 037
7	1.000 biċċa	7 534
8	1.000 biċċa	2 565
12	1.000 biċċa	5 072
13	1.000 biċċa	795
15	1.000 biċċa	4 400
16	1.000 biċċa	896
21	1.000 biċċa	2 927
24	1.000 biċċa	754
26/27	1.000 biċċa	3 .668
29	1.000 biċċa	1 487
73	1.000 biċċa	5 700
83	Tunnellata	757
74	1.000 biċċa	994

Ittra mill-Gvern tar-Repubblika tal-Belarus

Sinjur,

Għandi l-unur li ngħarraf li rċevejt l-ittra tiegħek ta' ….. li tgħid hekk:

" Sinjur,

1. Għandi l-unur li nirreferi għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerċ fil-prodotti tat-tessuti inizjalat fl-1 ta' April 1993, hekk kif emendat u estiz l-aħħar mill-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri inizjalat fil-11 ta' Novembru 2005 (minn issa 'l quddiem il-'Ftehim').

2. Fid-dawl ta' l-iskadenza tal-Ftehim fil-31 ta' Diċembru 2006 u skond l-Artikolu 19 (1) tal-Ftehim, il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus jiftiehmu li jestendu t-tul taż-żmien tal-Ftehim, għal perjodu ulterjuri ta' sena, soġġett għall-emendi u l-kondizzjonijiet li ġejjin:

   2.1. It-test ta' l-Artikolu 19(1) tal-Ftehim għandu jkun kif ġej:

   'Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara d-data li fiha l-Partijiet jgħarrfu lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dak il-għan. Għandu jkun applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2007.'

   2.2. L-Anness II li jistipula r-restrizzjonijiet kwantitattivi għall-esportazzjonijiet mir-Repubblika tal-Belarus lill-Komunità Ewropea huwa mibdul bl-Appendiċi 1 għal din l-ittra.

   2.3. L-Anness għall-Protokol C li jistipula r-ristrizzjonijiet kwantitattivi għall-esportazzjonijiet mir-Repubblika tal-Belarus lill-Kommunità Ewropea wara l-operazzjonijiet ta' kummerċ ipproċessat esternamentfir-Repubblika tal-Belarus huwa mibdul għall-perjodu ta' l-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2007 bl-Appendiċi 2 għal din l-ittra.

   2.4. L-importazzjonijiet fil-Belarus tal-prodotti tat-tessuti u tal-ħwejjeġ ta' oriġini mill-Komunità Ewropea se jkunu soġġetti għat-taxxi doganali fl-2007 li ma jaqbżux dawk previsti għall-2003 fl-Appendiċi 4 tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarusinizjalat fil-11 ta' Novembru 1999.

   Fil-każ li ma jkunx hemm applikazzjoni ta' dawn ir-rati l-Komunità għandu jkollha d-dritt li tintroduċi mill-ġdid għall-perjodu tal-ftehim li jifdal u li ma jkunx skada fuq bażi *pro rata* l-livelli għar-restrizzjonijiet kwantitattivi applikabbli għall-2006 kif speċifikat fl-Iskambju ta' l-Ittri inizjalat fit-11 ta' Novembru 2005.

3. Jekk ir-Repubblika tal-Belarus issir Membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (id-WTO) qabel id-data ta' meta jiskadi l-Ftehim, il-ftehimiet u r-regoli tad-WTO se jkunu applikati mid-data ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Belarus fid-WTO.

4. Inkun obbligat jekk ġentilment tikkonferma l-aċċettazzjoni tal-Gvern tiegħek dwar dak li ntqal hawnhekk. Jekk dan ikun il-każ, dan il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri se jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-jum li fih il-Partijiet innotifikaw lil xulxin li l-proċeduri legali interni meħtieġa għal dan il-għan, tlestew. Sa dan il-waqt, se jkun applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2007 bil-kondizzjoni ta' reċiproċità.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla stima tiegħi."

Għandi l-unur li nikkonferma li l-Gvern tiegħi jaqbel mal-kontenut ta' l-ittra tiegħek.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

Għall-Gvern tar-Repubblika tal-Belarus